MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 256/2012

**Prof. Kenneth Wain fil-kapacita tieghu bhala l-Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet Volontarji**

**Vs**

**Socjeta` Filarmonika Lourdes (LPA-14 U VO/0016)**

It-Tribunal,

Ra r-Rikors ipprezentat mill-Prof. Kenneth Wain fil-kapacita` tieghu bhala l-Kummissarju ghal Organizzazjonijiet Volontarji permezz ta' liema talab lil dan

it-Tribunal jordna t-thassir ta’ l-iskrizzjoni tas-Socjeta` Filarmonika intimata bil-hrug ta’ Ordni ta’ Thassir ai termini tal-artikolu 19 tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi s-Socjeta` Filarmonika intimata qieghdha tonqos milli tosserva d-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), A.L. 73 tal-2012.

Ra illi s-Socjeta` intimata, debitament notifikata, ma pprezentat l-ebda risposta.

Sema’ ix-xhieda ta’ Sebastian Micallef fis-seduta tat-22 ta’ Lulju 2014;

Ra l-atti l-ohra kollha;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent agixxa bir-rikors odjern kontra s-Socjeta` intimata sabiex dan it-Tribunal jordna t-thassir tal-iskrizzjoni tal-istess Socjeta` bhala organizzazzjoni volontarja stante li naqset milli tissottometti kopji tal-kontijiet annwali u r-rapporti annwali ghas-snin 2008, 2010 u 2011, liema nuqqas jammonta ghal ksur tal-obbligazzjonijiet taghha taht l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Illi, wara li dan it-Tribunal sema’ bil-gurament lil Sebastian Micallef, l-ufficjal inkarigat mill-*enrollment* tal-organizzazzjonijiet volontarji u l-*monitoring*

taghhom, iqis li r-rikorrent ghandu ragun fit-talbiet tieghu u kwindi se jghaddi biex jilqa' t-talba tal-istess rikorrenti kif dedotta.

**DECIDE**

Illi, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi illi peress li t-talba tal-Prof. Kenneth Wain fil-kapacita tieghu bhala l-Kummissarju ghal Organizzazjonijiet Volontarji hija gustifikata, it-Tribunal ghalhekk qieghed jilqaghha u jordna t-thassir ta' l-iskrizzjoni tas-Socjeta` Filarmonika Lourdes (LPA-14 u VO/0016) bil-hrug ta' Ordni ta' Thassir ai termini tal-artikolu 19 tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-organizzazzjoni intimata naqset milli tosserva d-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), A.L. 73 tal-2012.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta` Filarmonika intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------